**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TLETIN**

**24 ta' SETTEMBRU, 2012**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Joseph Caruana.

**SKUŻAT**

Il-membru Annetto Bugeja avża li ma setgħax jattendi minħabba x-xogħol tiegħu.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**30.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

30.1.1 Il-Minuti tas-seduta numru 29 ġew approvati.

***30.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

30.2.1 Inġibdet l-attenzjoni li l-Perit Anthony Bezzina għadu ma tax risposta fuq ir-rigward ta' punt 29.2.1 fejn intqal li l-istatwa ta' Santa Marija fil-Pjazza ta' Bubaqra diġa qed jitqaxxrilha ż-żebgħa li sarilha. Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jerġa jitlob lill-Perit għal risposta.

30.2.2 Fir-rigward ta' punt 29.6.7 inġibdet l-attenzjoni li l-Ministeru tax-xogħlijiet pubbliċi ser jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq l-imtali ta' Bubaqra.

30.2.3 Fir-rigward ta' punt 29.3.2 il-membru Joseph Caruana rringrazja lill-Kunsill talli laqa' t-talba tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fejn jirrigwarda ġurnata xogħol f'Bubaqra, mill-ħaddiema tal-ETC/IPSL assenjati mall-Kunsill.

Ġie infurmat li l-ġurnata ffissata għal-Ġimgħa.

30.2.4 Fir-rigward ta' punt 29.5.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li t-tabelli tal-iskart twaħħlu u fir-rigward ta' punt 29.6.2 il-*bollards* mal-kappella ta' Sant Agatha twaħħlu ukoll.

### *30.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

30.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa fuq xogħlijiet li kellu jagħmel il-Perit William Lewis fejn jirrigwarda xogħol fi Vjal l-Indipendenza u Triq Fra Luka Zurki.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-perit infurmha li qed jaħdem fuqhom.

30.3.2 Inġibdet l-attenzjoni fuq il-materjal li tħalla fil-ġnien li għadu mhux lest minn kollox fi Triq in-Nigret. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Kuntrattur ikkonċernat fejn jiġi mwissi li jekk ma jnaddafx sa' nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru, 2012, il-Kumitat Amministrattiv lest li jnaddaf hu u jaqta l-ammont tal-ispejjeż mill-kont finali tal-proġett.

30.3.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li waqt is-seduta tal-Kunsill li jmiss hu mistieden biex jattendi l-ispettur taż-Żurrieq sabiex jirrispondi għall-ilmenti li għandu l-Kunsill.
Tqajmu l-ilmenti li l-għassa taż-Żurrieq għada ma tatx risposta fuqhom fosthom: Ranep fuq il-bankina li qed jostakolaw l-aċċess tal bankina fi Triq ir-Rettur u Triq Goswalda Calleja u fuq il-qtugħ ta' palm minn Vjal l-Indipendenza mingħajr il-permess

tal-KAB/Kunsill.

30.3.4 Tressaq il-punt fuq il-kaxxa safra li nżebgħet mingħajr il-permess tal-KAB/Kunsill fi Triq Ħal Far u li minn informazzjoni li għandu l-KAB ix-xogħol sar mill-Kunsill Lokali Safi. Kien hemm qbil li dan is-suġġett jitqajjem fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

***30.4 Armar tal-Milied***

30.4.1 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni fuq l-armar tal-Milied f'Bubaqra. Kien hemm qbil li jiżdiedu żewġ ornamenti oħra u jitpoġġew fi Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia biex jitkomplew ma dawk li saru fis-sena li għaddiet.

Kien hemm qbil li jinġabru stimi fuq ornament ta' xemgħa bil-ponzietta u stima separata fuq tliet muturi sabiex jitwaħħlu fl-ornamenti tal-qniepel li diġa ġew armati fis-sena li għaddiet.

Kien hemm qbil li din s-sena jmiss lill-Għaqda Karmelitana u Banda QV li tarma l-fustun u l-armar tal-Milied f'Bubaqra.

Kien hemm qbil ukoll li tinħareġ l-ordni sabiex jitħaffru żewġ ħafor żgħar għall-ornamenti tal-Milied minn Camray Ltd.

30.4.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa lil dawk preżenti jekk jaqblux li r-riċeviment għat-tfal ta' Bubaqra jerġa jsir f'din is-sena ukoll.

Kien hemm qbil li r-riċeviment jerġa jsir u t-tfal iħallsu €2. Kien hemm qbil li kull membru għandu jipprova jġib sponsors biex ir-riċeviment jerġa jiġi ffinanzjat kollu minnhom.

Kien hemm qbil ukoll li l-Kumitat Amministrattiv jerġa jistaqsi lil sid l-Aida Hall biex joffri s-sala u lill-Euro Caterers biex joffri l-ikel.

Kien hemm qbil ukoll li r-riċeviment ikun għal

massimu ta' 150 tifel/tifla.

***30.5 Ilmenti***

30.5.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri infurmat li fil-viċinanzi ta' Triq il-Qiegħa qed ikun hemm ħafna ilmenti fuq il-ħmieġ u ħaxix li fiha l-art privata li l-Kumitat Amministrattiv dawwar b'kurduna.

Kien hemm qbil li l-Kumitat jikteb lil sid l-art u jinfurmah biex inaddaf.

Il-Viċi Chairperson ilmentat ukoll fuq ħaxix li ħiereġ minn art oħra fi Triq Kalang Bugeja u li qed jostakola l-bankina. Kien hemm qbil li x-xogħol jitnaddaf mill-ħaddiema tal-ETC/IPSL assenjati mal-Kunsill.

30.5.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-ħaddiema tal-ETC/IPSL sabu diffikulat biex inaddfu li fadal mill-bankina fi Triq G M Callus.

Kien hemm qbil li tinħareġ l-ordni għax-xol biex tali xogħol u bankina ġdida jsir mill-kuntrattur.

30.5.3 Il-membru Joseph D'Amato staqsa fuq ix-xogħol li kien ordnat isir minn Silas fi Misraħ Santa Marija (ir-Roundabout). Kien hemm qbil li jinġabru stimi mill-Kumpanija Camray Ltd u minn Charlo Grech li bħalissa t-tnejn imsemmija qed jgħatu servizz fiż-Żurrieq. Hu min jaħdem bl-orħos prezz jieħu x-xogħol.

30.5.4 Il-membru Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li issir bankina fi Triq Santa Marija viċin Misraħ Santa Marija u l-membru Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li ssir bankina quddiem Windmill Court fi Triq San Martin k/m Triq Sant Agatha.

Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

30.5.5 Il-membru Joseph D'Amato qal li ta' sikwiet jitressaq l-ilment fuq parking bay li tinsab bejn żewġ garaqxxijiet fi Triq Fraq Gan marie Zammit. Qed isir ilment li minħabba dan il-parking bay is-sidien tal-garaxxijiet qed

isibuha diffiċli biex joħorġu u jidħlu fil-garaxx tagħhom.

Kien hemm qbil li tali parking bay titneħħa.

30.5.6 Il-membru Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni li xorta baqa' jsir id-dgeddis tal-iskart fi Triq Dun Gejt Muscat għalkemm għamel diversi rapporti. Kien hemm qbil li terġa tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

30.5.7 Il-membru Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni fuq l-ilmentili għadhom qed jidħlu minn residenti ta' St Agatha Complex fi Vjal l-Indipendenza fir-rigward ta' dgeddis ta' skart quddiem il-kumpless tagħhom.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jibgħat ittra bieb bieb fi Vjal l-Indipendenza minn Triq Dun Gejt Muscat sa Triq Fortunato Dalli sabiex jerġu jiġu nfurmati biex iħallu l-iskart wara l-bieb tar-residenza tagħhom u jiġu aċċettati ritratti sabiex jiġu mħarka dawk li jimxu kontra l-avviż li ser jintbgħat.

### *30.6 Appuntament għas-seduta li jmiss*

30.6.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

30.6.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-8.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' OTTUBRU, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**